# San Ġorġ Martri

## It-Tieni Għasar tas-Solennità

℣. O Alla, ejja eħlisni.
℟. Mulej, fittex għinni.

℣. Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.
℟. Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen. Hallelujah.

### Innu

Mulej Alla, inti x-xorti
waħdanija, il-ġieħ u l-premju
tal-qalbiena kollha tiegħek
li fuq l-art għalik issieltu.

Aħna l-lum qegħdin infaħħru
martri tiegħek li ta xhieda
ta' twemminu b'tixrid demmu,
biex jintrabat sħiħ ma' Kristu.

Ċaħad l-hena ta' did-dinja,
rifes b'qawwa fuq kull frugħa;
ħsiebu biss li jikseb lilek
u l-wegħdiet imbierka tiegħek.

B'ħila barranija u sabar
tbatijiet qalila ġarrab;
demmu xerred, w int, fi mħabbtek,
ħadtu jgħix għal dejjem miegħek.

F’ġieħ ir-rebħ ta’ dan il-martri,
Alla ta’ kull tjieba u ħniena,
nitolbuk fiċ-ċokon tagħna,
aħfer lill-qaddejja tiegħek,

sabiex niġu naqsmu miegħu
l-istess xorti ġewwa s-Sema,
miġburin ilkoll madwarek
fid-dar tiegħek, għajn tal-ħajja.

Lilek, o Missier u miegħek
’l Ibnek u ’l-Ispirtu s-Santu,
ġieħ jintradd, tifħir u glorja,
kif mill-bidu, issa u dejjem.  Ammen.

Jew

Ġorġi, suldat qalbieni,
ta’ Kristu martri kbir,
għall-ġid, hekk għal qdusitek,
jistħoqqlok kull tifħir.

*Patrun ta’ din il-ġżira,*
*li dejjem qbiżt għalina,*
*aqta’ xewqitna, isma’ talbna,*
*b’għajnunietek int hennina.*

Frugħat, għana tad-dinja,
kull ġid, kull ġieħ maqdart,
fis-sema l-għaxqa tiegħek,
lill-fqar b’ġidek fawwart.

*Patrun ta’ din il-ġżira…*

Mixgħul b'imħabba mqaddsa,
għal Kristu int issarajt,
b'salibu f'idek, f'qalbek,
lis-sultan ġiefi xabbajt.

*Patrun ta' din il-ġżira…*

Theddid, tgħajjir u rbati,
ħadid, roti, żeblih,
nirien u swat u lanez,
minn kollox ħriġt rebbieħ.

*Patrun ta' din il-ġżira…*

Ta' Kristu o ħelwa mħabba,
kemm int ta' saħħa u qawwa,
bik biss Ġorġi qalbieni
għeleb, rebaħ l-għedewwa.

*Patrun ta' din il-ġżira…*

Ras Ġorġi dlonk maħsuda,
ruħu għanja b'kull virtù
tittajjar lejn is-sema
biex tgawdi lil Ġesù.

*Patrun ta' din il-ġżira…*

Qaddis l-aktar qalbieni,
mis-sema int ismagħna,
warrbilna qerq il-għadu,
tħalliniex u ieqaf magħna.

*Patrun ta' din il-ġżira…*

Lill-kbir Alla Wieħed Tlieta,
minn qiegħ qalbna ħajr isir;
ta' kemm għolla hu lil Ġorġi
ma nixbgħux nagħtuh tifħir. Ammen.

## Salmodija

### Salm 117:i

*Ant. 1:* San Ġorġ, imsemmi ferm għal nislu, iżda fostna magħruf ferm aktar għal qdusitu, ħabb lil Kristu u l-fidi stqarr bla tlaqliq. Hallelujah.

Faħħru l-Mulej, għaliex hu tajjeb, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu!

Ħa jgħidu wlied Iżrael: *
"Għal dejjem it-tjieba tiegħu".

Ħa tgħid dar Aron: *
"Għal dejjem it-tjieba tiegħu".

Ħa jgħidu dawk li jibżgħu mill-Mulej: *
"Għal dejjem it-tjieba tiegħu".

Sejjaħt il-Mulej fid-dwejjaq tiegħi; *
u l-Mulej weġibni u ħariġni fil-wisa'.

La l-Mulej miegħi, m'għandix għax nibża'; *
x'jista' jagħmilli l-bniedem?

Il-Mulej miegħi, hu l-għajnuna tiegħi, *
u nħares b'wiċċi minn quddiem
lejn l-għedewwa tiegħi.

Aħjar tistkenn fil-Mulej *
milli tittama fil-bnedmin.

Aħjar tistkenn fil-Mulej *
milli tittama fil-kbarat.

Il-ġnus kollha dawruni; *
imma f'isem il-Mulej irbaħthom.

Dawruni, minn kull naħa rassewni; *
imma f'isem il-Mulej irbaħthom.

Bħan-naħal daru miegħi, †
bħan-nar tax-xewk madwari jħeġġu; *
imma f'isem il-Mulej irbaħthom.

B'saħħithom kollha mbuttawni biex naqa'; *
imma l-Mulej tani l-għajnuna.

Qawwa tiegħi u għana tiegħi l-Mulej; *
hu kien għalija s-salvazzjoni tiegħi.

Għajat ta' ferħ u rebħ fl-għerejjex tat-tajbin; *
il-leminija tal-Mulej għamlet ħwejjeġ ta' ħila!

Il-leminija tal-Mulej 'il fuq merfugħa, *
il-leminija tal-Mulej għamlet ħwejjeġ ta' ħila!

Ma mmutx, imma nibqa' ngħix, *
u nħabbar l-għemejjel tal-Mulej.

Ħaqarni tassew il-Mulej, *
imma ma telaqnix għall-mewt.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
u lill-Ispirtu s-Santu.

Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

*Ant. 1:* San Ġorġ, imsemmi ferm għal nislu, iżda fostna magħruf ferm aktar għal qdusitu, ħabb lil Kristu u l-fidi stqarr bla tlaqliq. Hallelujah.

### Salm 117:ii

*Ant. 2:* San Ġorġ ħejja ruħu għall-martirju b'ħeffa kbira billi qassam ġidu lill-foqra ta' madwaru. Hallelujah.

Iftħuli l-bibien tal-ġustizzja; *
ħa nidħol minnhom u rrodd ħajr lill-Mulej.

Dan hu bieb il-Mulej; *
il-ġusti jidħlu minnu.

Niżżik ħajr talli weġibtni *
u kont għalija s-salvazzjoni tiegħi.

Il-ġebla li warrbu l-bennejja *
saret il-ġebla tax-xewka.

Bis-saħħa tal-Mulej seħħ dan: *
ħaġa tal-għaġeb f'għajnejna.

Dan hu l-jum li għamel il-Mulej; *
ħa nifirħu u nithennew fih!

Ejja, nitolbuk, Mulej, salvana! *
Ejja, nitolbuk, Mulej, agħtina r-risq!

Imbierek min ġej f'isem il-Mulej! *
Inberkukom minn dar il-Mulej.

Il-Mulej hu Alla; hu d-dawl tagħna. *
Tqassmu f'purċissjoni, bil-friegħi f'idejkom,
sa ħdejn l-altar.

Alla tiegħi int, jien niżżik ħajr; *
Alla tiegħi, jien lilek inkabbar.

Faħħru l-Mulej, għaliex hu tajjeb, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu!

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
u lill-Ispirtu s-Santu.

Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

*Ant. 2:* San Ġorġ ħejja ruħu għall-martirju b'ħeffa kbira billi qassam ġidu lill-foqra ta' madwaru. Hallelujah.

## KANTIKU

(1 Piet 2:21-24)

*Ant. 3:* San Ġorġ bi qlubija mejjel rasu u miet għal Kristu; il-martirju kien kuruna ta' ġieħ għalih. Hallelujah.

Kristu bata għalikom, †
u ħallielkom eżempju, *
biex timxu fuq il-passi tiegħu.

Hu ebda dnub ma għamel, *
u ebda qerq ma ħareġ minn fommu;

meta għajruh, ma weġibx bit-tagħjir; †
meta bata, ma qagħadx jhedded; *
imma ħalla f'idejn Dak li jagħmel ħaqq bis-sewwa.

Tgħabba f'ġismu bi dnubietna *
sa fuq il-għuda tas-salib,

biex aħna mmutu għad-dnubiet †
u ngħixu għall-qdusija. *
Bil-ġrieħi tiegħu intom fiqtu.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
u lill-Ispirtu s-Santu.

Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

*Ant. 3:* San Ġorġ bi qlubija mejjel rasu u miet għal Kristu; il-martirju kien kuruna ta' ġieħ għalih. Hallelujah.

## Lezzjoni Qasira

(Rum 8:35,37-39)

Min se jifridna mill-imħabba ta' Kristu? Taħbit, dwejjaq, persekuzzjoni, ġuħ, għera, tiġrib, xabla? Imma f'dan kollu aħna noħorġu tassew rebbieħa bis-saħħa ta' dak li ħabbna. Għax jien żgur li la l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien ta' issa u la ta' li ġej, la s-setgħat, la l-għoli u lanqas il-fond u ebda ħliqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla fi Kristu Ġesù Sidna.

Jew

## Lezzjoni Qasira

(Apok 3:10-12)

Talli int ħarist it-tagħlim tiegħi dwar is-sabar, jiena wkoll inħares lilek mis-siegħa tat-tiġrib li ġejja fuq id-dinja kollha biex iġġarrab lil kull min jinsab fuq l-art. Niġi dalwaqt; żomm sħiħ f'dak li għandek, biex ħadd ma jeħodlok il-kuruna tiegħek. Ir-rebbieħ nagħmlu kolonna fit-Tempju ta' Alla tiegħi, minn fejn qatt iżjed ma joħroġ u fuqu nonqox isem Alla tiegħi, isem il-Belt ta' Alla tiegħi, li hi Ġerusalemm il-ġdida li nieżla mis-sema mingħand Alla tiegħi, kif ukoll l-isem il-ġdid tiegħi.

## Responsorju Qasir

℣. Bis-sebħ u l-ġmiel int żejjintu, Mulej. *
Hallelujah. Hallelujah.
℟. Bis-sebħ u l-ġmiel int żejjintu, Mulej. *
Hallelujah. Hallelujah.

℣. Qegħidtu fuq l-għemejjel kollha ta' jdejk. *
℟. Hallelujah. Hallelujah.

℣. Glorja lill-Missier u lill-Iben, * u lill-Ispirtu s-Santu.
℟. Bis-sebħ u l-ġmiel int żejjintu, Mulej. *
Hallelujah. Hallelujah.

## Kantiku Evanġeliku

(Lq 1:46-55)

*Ant. tal-Kantiku:* Imwaqqaf fuq blata samma, Ġorġi, suldat nobbli, xejn ma beża' quddiem il-kliem tat-tirann mingħajr Alla; xejn ma fittex il-ġieħ ta' din id-dinja u anqas il-glorja. Baqa', imma, jissielet sal-mewt minħabba l-fidi tiegħu fi Kristu. Illum bil-glorja u l-ġieħ tal-martirju huwa inkurunat. Hallelujah.

Ruħi tfaħħar *
il-kobor tal-Mulej,

u l-ispirtu tiegħi jifraħ *
f'Alla s-Salvatur tiegħi,

għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel jibda jsejjaħli hienja.

Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.

Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.

Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.

Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ħa ħsieb Israel, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu

– bħalma wiegħed lil missirijietna – *
b'risq Abraham u nislu għal dejjem.

Glorja lill-Missier u lill-Iben, *
u lill-Ispirtu s-Santu.

Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

*Ant. tal-Kantiku:* Imwaqqaf fuq blata samma, Ġorġi, suldat nobbli, xejn ma beża' quddiem il-kliem tat-tirann mingħajr Alla; xejn ma fittex il-ġieħ ta' din id-dinja u anqas il-glorja. Baqa', imma, jissielet sal-mewt minħabba l-fidi tiegħu fi Kristu. Illum bil-glorja u l-ġieħ tal-martirju huwa inkurunat. Hallelujah.

## Preċi

F'din is-siegħa s-Sultan tal-martri offra lilu nnifsu fl-ikla ta' l-aħħar u miet fuq is-salib. Irroddulu ħajr u ngħidulu:

℟. Bil-ferħ kollu, Mulej, infaħħruk.

Bil-ferħ kollu, Mulej, infaħħruk għax ħabbejtna għall-aħħar, int, is-Salvatur tagħna, l-għajn u l-eżempju ta' kull qawwa fil-martirju.

℟. Bil-ferħ kollu, Mulej, infaħħruk.

Infaħħruk għax inti ssejjaħ lill-midinbin kollha ħalli jindmu biex tagħtihom il-ħajja.

℟. Bil-ferħ kollu, Mulej, infaħħruk.

Infaħħruk għax tajt is-setgħa lill-Knisja biex toffri d-demm tiegħek li int xerridt għall-maħfra tad-dnubiet, id-demm tal-patt il-ġdid li jibqa' għal dejjem.

℟. Bil-ferħ kollu, Mulej, infaħħruk.

Infaħħruk għax il-lum bil-grazzja tiegħek żammejtna sħaħ fil-fidi.

℟. Bil-ferħ kollu, Mulej, infaħħruk.

Infaħħruk għax il-lum seħibt miegħek ħafna aħwa fil-mewt.

℟. Bil-ferħ kollu, Mulej, infaħħruk.

Infaħħruk għall-benefatturi ħajjin u mejtin tal-Kolleġġjata.

℟. Bil-ferħ kollu, Mulej, infaħħruk.

Ejjew nitolbu kif għallimna u riedna nagħmlu l-Iben ta' Alla għas-salvazzjoni tagħna:

Missierna, li inti fis-Smewwiet,
jitqaddes ismek;
tiġi saltnatek
ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.
Ħobżna ta' kuljum agħtina llum,
aħfrilna dnubietna,
bħalma naħfru lil min hu ħati għalina;
u la ddaħħalniex fit-tiġrib,
iżda eħlisna mid-deni.

## Talba

Infaħħruk, Mulej, għall-kobor tas-setgħa tiegħek u fiċ-ċokon tagħna nitolbuk biex aħna, bnedmin dgħajfa, ikollna dejjem l-għajnuna f'waqtha ta' San Ġorġ, li fil-martirju tiegħu sar jixbah lil Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla u miegħek jgħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem.
Ammen.

℣. Il-Mulej magħkom.
℟. U miegħek ukoll.

℣. Iberikkom Alla li jista' kollox,
il-Missier,
u ✠ l-Iben,
u l-Ispirtu s-Santu.
℟. Ammen.